MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2014

Mandat Numru. 609/2014/1

**Management Support Services Limited (C-17518)**

**vs**

**JPM Brothers Limited (C-31612)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Management Support Services Limited li talbu lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet minnhom premessi, biex izomm lis-socjetà intimata milli tittrasferixxi drittijiet fuq proprjetà taghha.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet taghha precedenti.

Rat it-twegiba ta’ JPM Brothers Limited u d-dokumenti annessi maghha.

Semghet lid-difensuri.

Rat l-Art. 873 li jipprovdi illi:

(1) *L-iskop tal-mandat ta’ inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista’ tkun ta’ pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

(2) *Il-Qorti m’ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Dan premess, il-Qorti tqis li tnejn huma l-elementi li jehtieg li jissussistu sabiex ikun gustifikat il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni, id-dritt vantat u l-pregudizzju.

Ikkunsidrat illi doveruz ghall-Qorti tenfasizza li, fil-proceduri ta’ din ix-xorta, il-Qorti tillimita ruhha ghal dak li jidher mad-daqqa t’ghajn, b’dana li ezami profond tal-mertu tal-lanjanza jibqa’ essenzjalment rizervat ghal dik il-Qorti li tigi adita eventwalment bil-kawza.

Ikkunsidrat illi fl-24 ta’ Settembru 2009 il-partijiet ftehmu li s-socjetà rikorrenti kellha taghti lill-intimati servizzi ta’ konsulenza fin-negozju taghhom.  Ghalkemm jidher li dan il-ftehim gie unilateralment terminat mill-intimata, jidher ukoll illi r-rikorrenti kienet digà ghamlet xoghol estensiv in relazzjoni mal-inkarigu moghti lilha, tant li n-negozjati kienu waslu fi stadju avvanzat, kif konfermat bil-gurament minn Carmelo Sciriha.

Il-pregudizzju li tbati s-socjetà rikorrenti jekk ma jintlaqax dan il-mandat huwa ovvju, u dan kif ammess mill-istess socjetà intimata fil fuq imsemmi ftehim li jirreferi ghal “major real estate projects”.... u “a series of financing difficulties in connection with certain of these projects” kif ukoll ir-referenza ghall-fatt li “Gemxija is unable to meet with its finance payments”.

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ definittavament it-talba kontenuta fir-rikors ta’ Management Support Services Limited.  Tinnomina lin-Nutar Ritienne Bugeja Fenech biex taghmel id-debita registrazzjoni skond il-ligi.

Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha ta’ dawn il-proceduri.

**< Digriet >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------